32004D0903

L 381/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 28.12.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-29 ta' Novembru 2004

## dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jipprovdi għal miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-taxxa fuq dħul minn tfaddil fil-forma ta' ħlas ta' imgħax u l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Fehim li jakkumpanjah

(2004/903/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja mar-Repubblika ta' San Marino ftehim xieraq sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni mir-Repubblika ta' San Marino tal-miżuri ekwivalenti għal dawk li għandhom jiġu applikati fi ħdan il-Komunità biex tiġi żgurata tassazzjoni effettiva tad-dħul minn tfaddil fil-forma ta' ħlas ta' imgħax.

(2) It-test tal-Ftehim, li huwa r-riżultat tan-negozjati, debitament jirrifletti d-direttivi tan-negozjati mahruġin mill-Kunsill. Huwa akkompanjat b'Memorandum ta' Fehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika ta' San Marino.

(3) Soġġett għall-adozzjoni f'data aktar tard ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, huwa mixtieq li jiġu ffirmati ż-żewġ dokumenti li ġew inizjalati fit-12 ta' Lulju 2004 u jkun hemm konferma ta' l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Memorandum tal-Fehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Soġġett għall-adozzjoni f'data aktar tard ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jipprovdi għal miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-taxxa fuq dħul minn tfaddil fil-forma ta' ħlas ta' imgħax, il-President tal-Kunsill huwa bil-preżenti awtorizzat jaħtar il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità, il-Ftehim u l-Memorandum ta' Fehim li jakkumpanjah u l-Ittri mill-Komunità Ewropea li għandhom jiġu skambjati skond l-Artikolu 21(2) tal-Ftehim u l-aħħar paragrafu tal-Memorandum ta' Fehim.

Il-Memorandum ta' Fehim huwa approvat mill-Kunsill.

It-testi tal-Ftehim u tal-Memorandum ta' Fehim huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. J. BRINKHORST